# IL-MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA

Il-moviment liberu tal-merkanzija huwa żgurat permezz tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali u r-restrizzjonijiet kwantitattivi, kif ukoll permezz tal-projbizzjoni ta' miżuri b'effett ekwivalenti. Il-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-eliminazzjoni tal-ostakli fiżiċi u tekniċi, u l-promozzjoni tal-istandardizzazzjoni ġew miżjuda sabiex jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern. L-adozzjoni tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid (NLF) fl-2008 saħħet b'mod sinifikanti lill-moviment liberu tal-merkanzija, lis-sistema ta' sorveljanza tas-suq tal-UE u lill-marka CE. Riċerka reċenti tindika li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija u l-leġiżlazzjoni relatata jammontaw għal EUR 386 biljun fis-sena.

## BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 26 u 28-37 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## GĦANIJIET

Id-dritt għall-moviment liberu tal-merkanzija li toriġina minn Stati Membri, u tal-merkanzija li toriġina minn pajjiżi terzi u li tkun qed tiċċirkola liberament fl-Istati Membri, huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tat-Trattat (l-Artikolu 28 tat-TFUE). Oriġinarjament, il-moviment liberu tal-merkanzija kien jitqies bħala parti minn unjoni doganali bejn l-Istati Membri, li jinvolvi l-abolizzjoni tad-dazji doganali, tar-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq il-kummerċ u ta' miżuri ekwivalenti, u l-istabbiliment ta' tariffa esterna komuni għall-Komunità. Aktar tard, l-enfasi tqiegħdet fuq l-eliminazzjoni tal-ostakli kollha li kien għad fadal għall-moviment liberu tal-merkanzija bil-għan li jinħoloq is-suq intern.

## KISBIET

L-eliminazzjoni tad-dazji doganali u tar-restrizzjonijiet kwantitattivi (il-kwoti) bejn l-Istati Membri ġiet konkluża sal-1 ta' Lulju 1968. Din l-iskadenza ma ntlaħqitx fil-każ tal-objettivi supplimentari – il-projbizzjoni ta' miżuri b'effett ekwivalenti, u l-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali rilevanti. Dawn l-objettivi saru strument fundamentali fl-isforz kontinwu sabiex jinkiseb il-moviment liberu tal-merkanzija.

**A.** Il-projbizzjoni ta' piżijiet b'effett ekwivalenti ta' dazji doganali: l-Artikoli 28(1) u 30 tat-TFUE

Peress li fit-Trattat ma hemm l-ebda definizzjoni tal-kunċett li ssemma hawn fuq, il-ġurisprudenza kellha tipprovdi waħda. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tqis li

kwalunkwe piż, ikun x'ikun ismu jew ikun applikat b'liema mod ikun applikat, li jekk jiġi impost fuq prodott importat minn Stat Membru bl-esklużjoni ta' prodott domestiku simili, billi jinbidel il-prezz tiegħu, ikollu l-istess effett fuq il-moviment liberu tal-merkanzija bħal dazju doganali, jista' jitqies bħala piż b'effett ekwivalenti, irrispettivament min-natura jew mill-forma tiegħu (il-Kawżi 2/62 u 3/62[1], u l-Kawża 232/78[2]).

**B.** Il-projbizzjoni ta' miżuri b'effett ekwivalenti għar-restrizzjonijiet kwantitattivi: l-Artikoli 34 u 35 tat-TFUE

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Dassonville, kienet tal-fehma li r-regoli kollha tal-kummerċ implimentati mill-Istati Membri li jistgħu jfixklu, direttament jew indirettament, effettivament jew potenzjalment, il-kummerċ intrakomunitarju għandhom jitqiesu bħala miżuri b'effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi (il-Kawża 8/74 tal-11 ta' Lulju 1974 u l-punti 63 sa 67 tal-Kawża C-320/03 tal-15 ta' Novembru 2005). Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja żviluppa ulterjorment fil-ġurisprudenza Cassis de Dijon (il-Kawża 120/78), li stipulat il-prinċipju li kwalunkwe prodott immanifatturat u kkumerċjalizzat legalment fi Stat Membru skont ir-regoli ġusti u tradizzjonali tiegħu, kif ukoll bil-proċessi ta' manifattura ta' dak il-pajjiż, irid jitħalla fis-suq ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor. Dan kien ir-raġunament bażiku tad-dibattitu dwar l-identifikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, li jopera fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni. Konsegwentement, anki fin-nuqqas ta' miżuri Ewropej ta' armonizzazzjoni (il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE), l-Istati Membri huma obbligati jippermettu l-merkanzija li tkun prodotta u kkummerċjalizzata legalment fi Stati Membri oħra tiċċirkola u titqiegħed fis-suq tagħhom.

Aspett importanti hu li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 tat-TFUE hu limitat mill-ġurisprudenza Keck, li tiddikjara li ċerti arranġamenti ta' bejgħ jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu, dment li jkunu nondiskriminatorji (jiġifieri japplikaw għan-negozjanti rilevanti kollha li joperaw fi ħdan it-territorju nazzjonali u jaffettwaw bl-istess mod, fil-liġi u fil-fatt, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti domestiċi u prodotti minn Stati Membri oħrajn) (il-Kawżi Konġunti C-267/91 u C-268/91).

**C.** Eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni tal-miżuri b'effett ekwivalenti għal dak tar-restrizzjonijiet kwantitattivi

L-Artikolu 36 tat-TFUE jippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri b'effett ekwivalenti għar-restrizzjonijiet kwantitattivi meta dawn ikunu ġġustifikati minn kunsiderazzjonijiet ġenerali u mhux ekonomiċi (eż. il-moralità pubblika, il-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika). Tali eċċezzjonijiet għall-prinċipju ġenerali jridu jiġu interpretati b'mod strett, u l-miżuri nazzjonali ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fl-aħħar nett, il-miżuri jrid ikollhom effett dirett fuq l-interess pubbliku li jrid jiġi protett u ma jridux imorru lil hinn mil-livell meħtieġ (il-prinċipju tal-proporzjonalità).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet fil-ġurisprudenza tagħha (il-Kawża Cassis de Dijon) li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni ta'

---

[1]Sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1962 – https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:61962CJ0002
[2]Sentenza tal-Qorti tal-25 ta' Settembru 1979 – https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:61962CJ0002

miżuri b'effett ekwivalenti fuq il-bażi ta' rekwiżiti mandatorji (marbuta, fost l-oħrajn, mal-effikaċja tas-superviżjoni fiskali, mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, ma' kemm huma ġusti t-tranżazzjonijiet kummerċjali u mad-difiża tal-konsumatur). L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri ta' eżenzjoni nazzjonali. Ġew introdotti proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u mekkaniżmu ta' monitoraġġ sabiex tkun iffaċilitata s-superviżjoni ta' tali miżuri ta' eżenzjoni nazzjonali (kif previst fl-Artikoli 114 u 117 tat-TFUE, fid-Deċiżjoni 3052/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98). Dan ġie fformalizzat aktar fir-Regolament (KE) Nru 764/2008 dwar ir-rikonoxximent reċiproku, li ġie adottat fl-2008 bħala parti mill-hekk imsejjaħ Qafas Leġiżlattiv Ġdid (NLF).

**D.** L-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali

L-adozzjoni tal-liġijiet ta' armonizzazzjoni għamlitha possibbli li jitneħħew l-ostakli (pereżempju billi d-dispożizzjonijiet nazzjonali jitneħħew isiru inapplikabbli) u li jiġu stabbiliti regoli komuni bil-għan kemm li tkun iggarantita ċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija u tal-prodotti kif ukoll li jiġu rrispettati l-objettivi l-oħra tat-Trattat KE bħall-ħarsien tal-ambjent u tal-konsumatur, jew il-kompetizzjoni.

L-armonizzazzjoni mbagħad kienet iffaċilitata aktar bl-introduzzjoni tar-regola tal-maġġoranza kkwalifikata, meħtieġa għall-parti l-kbira tad-Direttivi marbuta mat-tlestija tas-suq uniku (l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, kif immodifikat bit-Trattat ta' Maastricht), u bl-adozzjoni ta' approċċ ġdid bil-għan li tkun evitata armonizzazzjoni problematika u dettaljata, kif propost fil-White Paper tal-Kummissjoni (1985). Il-prinċipju gwida fl-approċċ il-ġdid, ibbażat fuq ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 (ikkonfermat fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1989 u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE), huwa r-rikonoxximent reċiproku tar-regoli nazzjonali. L-armonizzazzjoni trid tkun ristretta għar-rekwiżiti essenzjali, u tkun iġġustifikata meta r-regoli nazzjonali ma jistgħux jitqiesu bħala ekwivalenti u joħolqu restrizzjonijiet. Id-Direttivi adottati skont dan l-approċċ il-ġdid għandhom l-iskop doppju li jiżguraw il-moviment liberu tal-merkanzija, permezz tal-armonizzazzjoni teknika ta' setturi sħaħ, u li jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni tal-objettivi ta' interess pubbliku li jissemmew fl-Artikolu 114(3) tat-TFUE (eż. il-ġugarelli, il-materjali tal-bini, il-magni, it-tagħmir tal-gass u t-tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni).

**E.** It-tlestija kompleta tas-suq intern

Il-ħolqien tas-suq uniku kien jeħtieġ l-eliminazzjoni tal-ostakli kollha li kien għad fadal għall-moviment liberu tal-merkanzija. Il-White Paper tal-Kummissjoni (1985) stipulat l-ostakli fiżiċi u tekniċi li kellhom jitneħħew u l-miżuri li kellhom jittieħdu mill-Komunità għal dan il-għan. Il-parti l-kbira ta' dawn il-miżuri issa ġew adottati. Madankollu, is-suq uniku għadu jirrikjedi riformi sostanzjali jekk jixtieq jegħleb l-isfidi tal-progress teknoloġiku.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament appoġġa t-tlestija tas-suq intern u minn dejjem ta sostenn partikolari lill-"approċċ il-ġdid" b'rabta mal-moviment liberu tal-merkanzija. Huwa ta kontribut leġiżlattiv qawwi wkoll lid-Direttivi ta' armonizzazzjoni. Il-Parlament kien involut b'mod sinifikanti fil-pakkett tal-NLF adottat fl-2008. Il-kwistjonijiet ewlenin tal-Parlament, fin-negozjati tiegħu mal-Kunsill, kienu li jiġi żgurat ftehim li l-operaturi ekonomiċi kollha

involuti jkunu dejjem aktar responsabbli għall-iżgurar tal-konformità u s-sikurezza tal-prodotti li huma jkunu qiegħdu fis-suq, u li l-marka CE tissaħħaħ billi tiżdied il-kuxjenza tal-konsumaturi dwarha. Il-Parlament qed ikompli jaħdem f'dan il-qasam, bil-Pakkett tal-Allinjament li jikkonsisti f'disa' Direttivi li jkopru prodotti differenti, inklużi liftijiet, oġġetti pirotekniċi u splussivi.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011[3], il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema ta' sorveljanza tas-suq uniku għall-prodotti kollha (armonizzati u mhux armonizzati), abbażi ta' att leġiżlattiv wieħed li jkopri kemm id-Direttiva dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti, kif ukoll ir-Regolament Nru 765/2008 dwar is-sorveljanza tas-suq, sabiex jinkiseb livell għoli ta' sikurezza tal-prodotti u ta' sorveljanza tas-suq u tiġi ċċarata l-bażi ġuridika. Fl-2013, fuq talba tal-Parlament, il-Kummissjoni ressqet il-Pakkett dwar is-Sikurezza tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq li jikkonsisti f'regoli ta' infurzar ġodda għas-suq intern tal-merkanzija, li jippermettu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali jinfurzaw il-liġi u jipprovdu mezzi aħjar u aktar estensivi biex jiżguraw il-ħarsien tal-konsumatur. Fis-17 ta' April 2019, il-PE adotta Regolament dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq f'dan ir-Regolament għandhom ikopru prodotti li huma soġġetti għall-armonizzazzjoni tal-Unjoni. Dan se jiżgura qafas uniformi għas-sorveljanza tas-suq fil-livell tal-Unjoni u se jgħin biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi.

Barra minn hekk, l-istandardizzazzjoni għandha rwol ċentrali fil-funzjonament tajjeb tas-suq intern. L-istandards Ewropej armonizzati jgħinu fl-iżgurar tal-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan is-suq intern u jippermettu lill-intrapriżi fl-UE jsiru aktar kompetittivi. Dawn l-istandards jgħinu biex jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi Ewropej u jikkontribwixxu wkoll għall-ħarsien tal-ambjent. Bil-għan li l-kontenut tar-riforma ta' standardizzazzjoni jissaħħaħ, fil-21 ta' Ottubru 2010 l-Parlament adotta riżoluzzjoni[4] fejn appella biex jinżammu u jittejbu l-elementi li kellhom suċċess tas-sistema ta' standardizzazzjoni u biex ikun hemm bilanċ tajjeb bejn id-dimensjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali.

Fil-25 ta' Ottubru 2012, il-Parlament u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, l-immodernizzar u t-titjib tal-mekkaniżmu għat-twaqqif ta' standards Ewropej.

Is-seba' leġiżlatura kkonkludiet ir-rieżami leġiżlattiv ta' disa' Direttivi fil-Pakkett ta' Allinjament, f'oqsma bħat-tagħmir ta' vultaġġ baxx, il-kompatibbiltà elettromanjetika, l-istrumenti tal-kejl, l-isplussivi għall-użu ċivili, kif ukoll id-Direttivi dwar tagħmir taħt pressjoni u tagħmir tar-radju. Il-Parlament ikkonkluda wkoll xogħol leġiżlattiv dwar: ir-Regolament li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti ta' kostruzzjoni; it-tikkettar u l-immarkar tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tessili; is-

[3]ĠU C 199 E, 7 7 2012, p. 1 - https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AC%3A2012%3A199E%3ATOC
[4]ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 56 - https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AC%3A2012%3A070%3ATOC

sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali ta' vetturi b'żewġ roti jew bi tliet roti u kwadriċikli; u d-Direttiva dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali[5].

It-tmien leġiżlatura kompliet fuq dawn l-isforzi permezz tal-ħidma tagħha fuq regolamenti dwar l-installazzjonijiet tar-rota b'kablaġġ, l-apparati li jaħarqu fjuwils gassużi, l-apparati mediċi u t-tagħmir personali protettiv. Il-Parlament temm b'suċċess ix-xogħol fuq ir-Regolament eCall[6] u d-deċiżjoni dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA2)[7]. Fil-qafas tal-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari, il-Parlament ħejja leġiżlazzjoni dwar il-produzzjoni ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li huma disponibbli fis-Suq Uniku[8].

Matul it-8 leġiżlatura, il-Parlament adotta Direttiva ġdida ta' Notifika 2015/1535 li ttejjeb l-informazzjoni reċiproka fost l-Istati Membri dwar ir-regolamenti tekniċi, u Regolament ta' Għarfien Reċiproku 2019/515 ġdid b'dispożizzjonijiet imtejba għall-proċeduri nazzjonali li jwasslu għall-estensjoni tar-rikonoxximent reċiproku[9]. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament adotta r-regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u l-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, bil-għan li jiġu introdotti diversi miżuri tekniċi biex jiġu salvati l-ħajjiet umani u jiġu limitati l-korrimenti f'inċidenti tat-traffiku li jikkawżaw aktar minn 25 000 mewta u 100 000 korriment serju fuq toroq Ewropej kull sena[10].

Il-Parlament insista li din il-leġiżlazzjoni tiġi kkomplementata minn pjattaformi online, bħas-SOLVIT u s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) skont ir-Regolament 1024/2012, għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-Kummissjoni sabiex jissolvew il-problemi li ċ-ċittadini u l-intrapriżi jesperjenzaw fix-xiri jew il-bejgħ ta' prodotti fl-UE. Il-Parlament għamel dawn il-pjattaformi kollha aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji permezz tal-Gateway Diġitali Unika "L-Ewropa Tiegħek" fl-adozzjoni tar-Regolament 2018/1724[11].

Il-Parlament jappoġġa l-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali sabiex tittejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tkun

---

[5]Għal aktar informazzjoni ara l-istudju mħejji għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) tal-Parlament dwar "EU Mapping: Overview of IMCO related legislation" ("Immappjar tal-UE: Ħarsa ġenerali tal-leġiżlazzjoni relatata mal-Kumitat IMCO"): http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/536317/IPOL_STU(2015)536317_EN.pdf

[6]Ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE, (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77) — https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32007L0046.

[7]Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA2). L-interoperabbiltà bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (COM(2014)0367) http://ec.europa.eu/isa/documents/isa_2_proposal_en.pdf

[8]Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 (COM(2016) 0157) — https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52016PC0157

[9]Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1) — https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32019R0515

[10]Sessjoni ta' ħidma dwar ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi motorizzati, http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/imco/events-workshops.html?id=20181115WKS02022

[11]Duke Ch., Il-Portal Diġitali Uniku: kif l-UE tista' tilħaq l-aspettattivi taċ-ċittadini u n-negozji?, Informazzjoni mħejjija mid-Dipartiment Tematiku A għall-Kumitat IMCO, http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/614219/IPOL_BRI (2018) 614219_EN.pdf

identifikata l-leġiżlazzjoni li jeħtieġ li tiġi ssimplifikata jew ikkodifikata. Il-Parlament jistieden ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra jappoġġaw il-koregolamentazzjoni u l-ftehimiet volontarji kull meta huwa possibbli sabiex ikun rispettat l-istess prinċipju ta' tfassil aħjar tal-liġijiet.

Riċerka reċenti tindika li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija u l-leġiżlazzjoni relatata jammontaw għal EUR 386 biljun fis-sena[12].

Mariusz Maciejewski / Christina Ratcliff
04/2019

[12]Studju dwar Kontribut għat-Tkabbir: Moviment Liberu tal-Merkanzija. Delivering Economic Benefits for Citizens and Businesses (2019) (Il-Kisba ta' Benefiċċji Ekonomiċi għaċ-Ċittadini u n-Negozji), imħejji mid-Dipartiment Tematiku A u mill-Istitut IFO għall-Kumitat IMCO, http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2019/631063/IPOL_IDA(2019)631063_EN.pdf